MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Numru. 159/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR JONATHAN RANSLEY**
**VS**
**STEPHANIE AGIUS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Stephanie Agius ta’ 23 sena, bin missier mhux maghruf u Josephine nee’ Agius, mwieled Pieta’ nhar il- 5 ta’ Gunju 1988, residenti Blk 15, Flat 3, Triq l- Ibjar, Valletta u detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 276688M ;

Talli f’ xi hin matul il- gurnata tat- 28 ta’ Dicembru 2011 gewwa r- residenza 84, Villa Patau, Triq San Valentin, Balzan ikkommettiet serq ta’ curkett mill- imsemmija residenza ai detriment ta’ Miriam Camilleri, liema serq huwa aggravat bil- valur, bil- persuna u bil- lok;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'din il-kawza, wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni taghha;

Rat illi, ai terminital-Artikolu 392A tal-Kap 9, bl-ammissjoni tal-imputata din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputata kienet taghmel xoghol fid-dar tad-derubati, u rat curkett tad-djamanti fl-istess dar u haditu. Meta giet interrogata mill-pulizija, hi ammettiet mal-ewwel, u rritornat ic-curkett lis-sidien. Ghalkemm saret riparazzjoni immedjata f'dan il-kaz, il-Qorti xorta tara li l-piena ghandha tkun wahda ta' prigunerija, li izda tista' tinzamm milli tidhol fis-sehh u tibqa' hekk sospiza ghal terminu skond il-ligi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 262, 267, 269, 279(b) u 280 tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputata hatja w ghaldaqstant tikkundannaha hmistax (15)- il xahar prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------